**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 92/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Nicholas MULIET**

**Illum, 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' **Nicholas MULIET** ta' 19-il sena, bin missier mhux magħruf u Victoire Muliet, imwieled il-Pieta` fil-21 ta' Mejju 1995, residenti 66, Triq il-Mixtla, Attard u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 221095(M), u *Omissis* li ġew mixlija talli:-

   Nhar it-3 ta' Lulju 2014 għall-ħabta tas-02.00hrs ġewwa Paceville, San Ġiljan:

1. Ikkommettew serq ta' *handbag* li kien jikkontjeni diversi oġġetti fosthom *mobile phone* u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 għad-detriment ta' Svetlana Briffa u/jew ta' persuna/i oħra;

2. U aktar talli laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Lil Nicholas Muliet waħdu akkużat talli b'hekk:

3. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett snin mogħtija lilu nhar l-20 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.;

4. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett snin mogħtija lilu nhar it-23 ta' Mejju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.;

5. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* għal żmien sena mogħtija lilu nhar l-20 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.

Lil *Omissis* waħdu talli b'hekk:

6. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* għal żmien sena mogħtija lilu nhar l-20 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-Artikoli 261(ċ) u (f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat (illum appellant) **Nicholas MULIET** ħati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih ħlief għat-tieni (2) akkuża stante li hi alternattiva u kkundannatu għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva.

Il-Qorti ordnat illi l-Ordnijiet ta' Probation inflitti fuq l-imputat u msemmija fl-akkużi odjerni jerġgħu jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Nicholas MULIET** appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors ta' appell intavolat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2019, u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza in kwantu li helsitu mit-tieni akkuza fuq citata, tirriforma s-sentenza fil-parti tal-piena fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih hlief għat-tieni (2) akkuza u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu inflitta, ghal piena aktar mita u idoneja hekk kif jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.*"

4. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti fis-17 ta' April 2024, il-partijiet iddikjaraw illi dwar il-mertu tal-appell, huma kienu qed jistrieħu fuq l-atti proċesswali.

## D. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-3 ta' Lulju 2014, Svetlana Bezzina rrapportat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema kif dakinhar, waqt li kienet ġewwa l-*Havana Club,* f'San Ġiljan, il-portmoni tagħha, li kien tħalla minnha fuq il-*bar* tal-istess stabbiliment, ġie misruq minn xi ħadd mhux magħruf.

6. Illi stante illi fil-portmoni, kien hemm ukoll il-*mobile phone* tal-istess Bezzina, il-Pulizija talbu nformazzjoni mingħand is-*service providers* u

rriżulta illi l-istess *mobile phone* intuża ma' numru li kien reġistrat fuq missier *Omissis* u illi sussegwentment, intuża wkoll ma' numru ieħor li kien reġistrat fuq l-appellant Nicholas MULIET. Kemm *Omissis*, kif ukoll l-appellant ġew arrestati nhar it-30 ta' Lulju 2014, fuq skorta ta' mandati ta' tfittxija u arrest, u waqt l-interrogatorji li sarulhom wara li ngħataw id-drittijiet spettanti lilhom kif viġenti fil-liġi fiż-żmien tal-każ, huma ammettew l-involviment tagħhom. Jirriżulta wkoll illi fl-14 ta' Awwissu 2014, l-appellant MULIET irritorna lura lill-Pulizija Eżekuttiva l-*mobile phone* misruq, illi mbagħad ġie mgħoddi lill-vittma. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bdew fil-konfront tal-appellant u *Omissis* nhar l-24 ta' Novembru 2014, b'*Omissis* jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fl-istess seduta u jingħata sentenza dakinhar stess. Fis-seduta sussegwenti tad-9 ta' Marzu 2015, l-appellant ukoll irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u ġie ordnat illi jiġi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tiegħu.

7. Jirriżulta wkoll illi fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2015, xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia, li preżentat ir-rapport redatt minnha fil-konfront tal-appellant, fejn għar-raġunijiet minnha ndikati fl-istess rapport, hija rrakkomandat li tiġi erogata piena ta' priġunerija effettiva. Dakinhar stess, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qegħdet lill-appellant taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni, sabiex ikompli jiġi segwit mill-istess Uffiċjal. Matul il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, l-Uffiċjal tal-*Probation* ippreżentat numru ta' rapporti dwar l-andament tal-appellant u reġgħet xehdet fis-seduti tal-20 ta' Frar 2017 u tat-22 ta' Mejju 2017. Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ippreżentat it-tieni *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-appellant, fejn għar-raġunijiet hemmhekk indikati, reġgħet irrakkomandat illi l-appellant jingħata piena ta' priġunerija effettiva.

8. Jirriżulta wkoll illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, permezz ta' żewġ rikorsi ntavolati minnu fit-22 ta' Ġunju 2017 u fl-4 ta' Jannar 2018 rispettivament, l-appellant talab sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2018, u dan wara li l-istess Qorti

ddeċidiet illi ma kienx hemm rekwiżiti biżżejjed sabiex tiġi meqjusa t-talba tal-appellant fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet għas-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellant fil-11 ta' Marzu 2019.

10. Illi l-appellant Nicholas MULIET ħassu aggravat b'din is-sentenza u dan in kwantu l-piena ta' priġunerija effettiva erogata fil-konfront tiegħu. Huwa jsostni illi huwa kien jabbuża mid-droga *cannabis,* illi għamel minn kollox sabiex jindirizza din il-problema u llum il-ġurnata, wara diversi sforzi da parti tiegħu, huwa rnexxielu jegħleb dan il-vizzju. Iżid jgħid illi huwa jattendi sessjonijiet ġewwa l-Aġenzija Caritas, illi llum il-ġurnata huwa għandu mpjieg stabbli, illi huwa kien ifalli l-appuntamenti li kien jingħata mill-Uffiċjal tal-*Probation* stante illi kienu jaħbtu mal-ħinijiet tal-impjieg tiegħu, u illi sentenza ta' priġunerija effettiva żgur illi m'hijiex se jkollha effetti pożittivi u riformattivi fuqu, stante illi huwa ħareġ mill-vizzju tad-droga u jinsab f'impjieg fiss.

11. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler</u>** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset hekk:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (<u>u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena</u>. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. [sottolinear ta' din il-Qorti]

12. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-4 ta' Frar 2021, l-appellant talab illi din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini

tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara illi semgħet lil Nazzarenu magħruf bħala Ronnie Muliet, lil Alfred Zarb u lill-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia, u ħadet konjizzjoni tar-rapporti ppreżentati mill-istess Uffiċjal tal-*Probation* quddiem l-ewwel Qorti, permezz ta' digriet tal-24 ta' Ġunju 2021, din il-Qorti, kif diversament preseduta, laqgħet it-talba tal-appellant MULIET sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, b'dan għalhekk illi rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi wara illi ġew ippreżentati diversi rapporti mill-Bord datati 13 ta' Ġunju 2022, 17 ta' Awwissu 2022, 17 ta' Frar 2023, 25 ta' Mejju 2023, u 24 ta' Ottubru 2023, fejn f'dan l-aħħar rapport, ġie nnutat illi l-appellant kien sejjer tajjeb, b'nota tat-30 ta' Jannar 2024, il-Bord informa lil din il-Qorti illi l-appellant deher quddiemu nhar id-19 ta' Jannar 2024, fejn ġie nnutat illi r-rapport dwaru kien wieħed pożittiv. Għalhekk, il-Bord iddikjara illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u illi għaldaqstant, kien qed jagħlaq il-każ tiegħu b'suċċess.

14. Illi mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali quddiem din il-Qorti, jirriżulta illi din hija l-unika kawża pendenti li għandu l-appellant quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali. Fit-termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fid-dawl tar-rapport pożittiv tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fir-rigward tal-appellant, il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, dwar persuna li tinstab ħatja, f'dan il-każ l-appellant, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' *Probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, l-appellant instab ħati. Madankollu, fit-termini tal-proviso tal-istess artikolu, il-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija, jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' *Probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-appellant instab ħati, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

15. F'dan il-każ, l-appellant ma jinsabx mixli b'reati dwar id-droga taħt is-subartikolu (2)(b)(i) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u allura fil-każ tiegħu ma japplikax l-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 jew l-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi ma tikkontemplax fil-każ tar-reat ta' serq *per se* li jinsab mixli bih l-istess appellant, terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' *Probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, għalkemm fid-dawl tal-fatt illi huwa ġie mixli wkoll illi wettaq tali reat waqt il-perjodu operattiv ta' tlett Ordnijiet ta' *Probation,* allura l-Artikolu 28A(7)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jeskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija.

16. La darba l-appellant ġie kkundannat mill-ewwel Qorti *inter alia* għall-piena ta' disa' xhur priġunerija, din il-Qorti għandha tqis jekk jissussistux ir-rekwiżiti fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ossia jekk jirriżultax illi fuq bażi ta' probabbiltajiet, ir-reat li dwaru l-appellant instab ħati, kienx prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, u dan sabiex tikkunsidra għandhiex tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena ta' priġunerija erogata fil-konfront tiegħu.

17. Fir-rigward irid jingħad illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, diġa` għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha u ddeċidiet dwar dan il-punt fid-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju 2021, fejn intqal hekk:

> 13. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia ġiet mitluba sabiex in vista tal-ammissjoni tal-imputat għar-reati li ġie mixli bihom, tħejji pre-sentencing report sabiex tevalwa u tirraporta lura fuq il-kundizzjoni psiko-soċjali tiegħu. Fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2015, inħarġet Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni fil-konfront ta' MULIET hekk kif minn dak iż-żmien l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation baqgħet issegwi lill-imputat appellant u tirraporta b'mod frekwenti fuq l-andament tiegħu. Fil-konklużjonijiet tagħha f'paġna 42 tal-atti proċesswali, l-Uffiċjal tal-Probation Farrugia qalet kif l-appellant ma kienx jammetti li kien ibgħati mill-vizzju tad-droga u dan allavolja numru ta' testijiet kienu jirriżultaw pożittiv għas-sustanzi illeċiti. Irriżulta pożittiv kemm għal kannabis kif ukoll għall-kokaina anki fl-aħħar testijiet tad-

droga li sarulu qabel ma ngħatat is-sentenza finali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan skont ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation f'paġna 82 tal-atti proċesswali fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Mejju 2018. Irriżultalha wkoll li fil-passat kien jabbuża wkoll mid-droga kokajina u ecstasy. Għalhekk, jirriżulta ċar li MULIET kellu dipendenza akuta fuq id-droga.

14. Għalkemm ma tirriżultax kjarament prova diretta li dakinhar tat-3 ta' Lulju 2014, l-appellant kien afflitt mill-problema tad-droga b'mod tali li allura faċilment wieħed seta' jattribwixxi l-kummissjoni ta' dak ir-reat għal din id-dipendenza tal-appellant mid-droga, jeżistu numru ta' ċirkostanzi u fatti raportati minn min kien qiegħed isegwi lill-appellant, li jindikaw li tassew l-appellant ikkometta s-serqa in kwistjoni sabiex imantni l-vizzju tiegħu tad-droga. Bħala prova li tal-inqas f'Settembru tas-sena 2014 u ċjoe allura **<u>xahrejn biss wara</u>** s-serqa in kwistjoni, l-appellant kien afflitt minn dipendenza akuta fuq id-droga, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation f'paġna 40 tal-atti proċesswali fejn din irraportat kif fis-**<u>16 ta' Settembru 2014</u>** huwa kien ġie riferut lis-sezzjoni tad-droga fi ħdan l-Aġenzija Sedqa mingħand l-Uffiċjal tal-Probation wara numru ta' testijiet li kienu rriżultaw fil-pożittiv għal sustanzi illeċiti. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-imsemmija Uffiċjal tal-Probation li l-appellant kellu biss imjieg wieħed regolarizzat li ma tantx dam fih u mbagħad kellu serje ta' impjiegi oħra ebda minnhom regolarizzat li kien idum ftit ħafna fihom.

15. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li, dato n-natura akuta tad-dipendenza tal-appellant fuq id-droga liema vizzju jirrikjedi ħafna flus sabiex jiġi mantnut, kif ukoll il-fatt li huwa ma kienx stabbli finanzjarjament, huwa alkwantu probabbli li s-serqa in kwistjoni kienet sostanzjalment attribwibbli għal din id-dipendenza tal-appellant fuq id-droga. Għalhekk, din il-Qorti tħoss li ġie sodisfaċentement ippruvat l-kriterju (a) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Stabbilit illi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, ir-reat li dwaru l-appellant instab ħati, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, allura jsibu applikazzjoni fil-każ odjern, is-subartikoli (7) u (8) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ingħad iżjed 'il fuq,

skont is-subartikolu (7) tal-istess Artikolu 8, **minkejja kull liġi oħra**, din il-Qorti tista' timponi piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva, ossia Ordni ta' *Probation* taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew piena ta' priġunerija sospiża fit-termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A(7)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi illi ordni bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali m'għandux isir "*meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni skont l-Att dwar il-Probation*", l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll illi minkejja kull liġi oħra, inkluż għalhekk il-Kodiċi Kriminali, kemm il-darba jirriżultaw l-elementi li trid il-liġi fl-istess subartikolu (7), din il-Qorti tista' ma tapplikax l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għall-każ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-liġi speċjali tipprevali fuq dik ġenerali, b'dan għalhekk illi fil-każ odjern, tenut kont illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti, m'hijiex prekluża milli timponi sentenza ta' priġunerija sospiża fuq l-appellant u dan minkejja l-mertu tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

19. Kif ingħad, permezz tar-rikors tal-appell odjern, l-appellant MULIET ressaq aggravju waħdieni u ċioe` dak konċernanti l-piena ta' priġunerija erogata fil-konfront tiegħu. Fir-rigward, tenut kont tal-isforzi li l-appellant jidher li għamel sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u illi kif diġa` ngħad, jinsabu sodisfatti r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis illi t-talba tal-istess appellant għandha tintlaqa', b'dan għalhekk illi se tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ġiet erogata piena ta' disa' xhur priġunerija fil-konfront tiegħu. In kwantu fl-aggravju tiegħu l-appellant qiegħed b'mod ċar jattakka d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti illi teroga fil-konfront tiegħu piena ta' priġunerija effettiva u ma jillanja bl-ebda mod dwar l-ordni tal-istess Qorti illi l-Ordnijiet ta' *Probation* inflitti fuqu u msemmija fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames imputazzjonijiet kontra tiegħu, jerġgħu jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, kif lanqas ma sar appell f'dan ir-rigward mill-Avukat Ġenerali, din il-Qorti m'hijiex se tinoltra ruħha f'din il-parti tas-sentenza appellata.

20. Illi din il-Qorti tirrileva wkoll illi in kwantu l-ewwel Qorti applikat il-piena ta’ disa’ xhur priġunerija għar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, ossia għar-reat ta’ serq aggravat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta’ €2329.37, tenut kont illi l-piena applikabbi hija dik preskritta fl-Artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, allura l-piena erogata hija waħda taħt il-minimu. L-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-ħati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur biss, jeħel, jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta’ priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin. Imbagħad, skont l-Artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, meta s-serq ikkwalifikat bil-valur ikun akkumpanjat b’waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b’dik tal-vjolenza jew tal-mezz, il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan – fil-każ odjern allura l-piena ta’ priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin – iżda dawn ma jingħatawx fil-minimu tagħhom. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali[1], għalhekk, f’dan il-każ, il-minimu tal-piena kienet dik ta’ għaxar xhur u għaxart ijiem priġunerija. Madankollu, la darba l-Avukat Ġenerali ma ntavolax appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, allura, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 428(7) tal-Kodiċi Kriminali[2], din il-Qorti ma tistax iżżid il-piena erogata minn dik il-Qorti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ l-appell tal-appellant **Nicholas MULIET** u fil-waqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-istess appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, salv għat-tieni imputazzjoni stante illi hija alternattiva, kif ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat illi l-Ordnijiet ta’ *Probation* mertu tat-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet, jerġgħu jibdew jiddekorru mill-ġdid, tirrevoka l-istess sentenza in kwantu kkundannat lill-appellant għall-piena ta’ disa’ (9) xhur priġunerija effettiva u minflok bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u tal-Artikolu

[1] Dan l-artikolu jaqra hekk: *Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m’għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.*
[2] L-imsemmi artikolu jgħid hekk: *Jekk l-appell isir biss mill-persuna misjuba ħatja, il-piena ma tistax tiżdied.*

28A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għall-piena ta’ disa’ (9) xhur priġunerija sospiża għall-perjodu ta’ sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bi kliem ċar u semplici, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna illi r-reati m’għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, wara li jgħaddi perjodu ta’ sentejn mil-lum, sakemm l-appellant ma jsirx reċidiv.

In oltre l-Ordnijiet ta’ *Probation* mertu tat-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet għandhom jerġgħu jibdew jiddekorru mil-lum stess.

Fir-rigward, il-Qorti qed twissi lill-appellant bi kliem ċar u sempliċi bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa ma joqgħodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordnijiet ta’ *Probation* jew kemm il-darba jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tal-istess Ordnijiet ta’ *Probation.*

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**